# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 846/01/SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Carmelo u Maria Dolores mizzewgin Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 4 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija u hamsa u sebghin Liri Maltin, (LM2,475.00,0), import ta' hamsa u ghoxrin (25) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited gia Daewoo (Malta) Limited**

**gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-30 ta' Settembru, 1999, 30 ta' Ottubru, 1999, 30 ta' Novembru, 1999, 30 ta' Dicembru 1999, 30 ta' Jannar 2000, 28 ta' Frar 2000, 30 ta' Marzu 2000, 30 ta' April 2000, 30 ta' Mejju 2000, 30 ta' Gunju 2000, 30 ta' Lulju 2000, 30 ta' Awissu 2000, 30 ta' Settembru 2000, 30 ta' Ottubru 2000, 30 ta' Novembru 2000, 30 ta' Dicembru 2000, 30 ta' Jannar 2001, 28 ta' Frar 2001, 30 ta' Marzu 2001, 30 ta' April 2001, 30 ta' Mejju 2001, 30 ta' Gunju 2001, 30 ta' Lulju 2001, 30 ta' Awissu 2001 u 30 ta' Settembru 2001 rispettivament (Dok. A1 sa A 25) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001 (Dok. B) u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew upprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-atturi datata 16 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma fuq mitluba bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**